**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs**

**Mattia Rocchi**

**Kumpilazzjoni numru 577/2017**

**Illum 7 ta' Frar, 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mattia Rocchi** billi huwa akkuzat talli fil-5 ta' Awwissu 2017 ghall-habta tas-13:00 hrs gewa l-Embassy Complex, Triq Santa Lucija, l-Belt Valletta u f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' I phone 6S liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-valur li jiswa iktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jaqbizx elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Raisa Demicoli u/jew ta' persuna jew persuni ohra.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-llum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri.

Wara li din l-Qorti rat l-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 31 ta' Dicembru 2017 sabiex din il-kawza tigi trattata bhala Sommarja

**Decide**:

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti issib lil Mattia Rocchi hati u b'applikazzjoni tal-Artiklu 22 mill-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

___________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**